**QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**IMHALLEF**

**ONOR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1982/2018**

**Marco Borg et**

**vs**

**Raniero Paul Borg et**

**Illum, 7 ta' Jannar, 2019**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors promoter (Mandat ta' Inibizzjoni) prezentat fis-6 ta' Dicembru 2018, id-digriet tagħha fejn laqgħet l-istess b'mod proviżorju, ukoll ir-risposta għall-istess rikors datata 10 ta' Diċembru 2018.

Ikkunsidrat

Illi kif jirriżulta mill-Memorandum and Articles presentati, kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimati huma azzjonisti u diretturi tas-soċjeta Marsascala Vacations Limited.

Din is-soċjeta tmexxi l-lukanda Ċerviola.

Jidher ukoll li huma r-rikorrenti li għandhom it-tmexxija fattwali ta' l-istess lukanda, ukoll li hemm ftehim inkluż anke mal-ġenituri ta' l-istess partijiet illi kemm it-tmexxija tal-kumpanija ukoll tal-istess lukanda jgħaddu f'idejn ir-rikorrenti. Dan bħala fatt ma jidhirx li hu kontestat.

Ili huwa miżmum u dan anka mill-qari ta' l-artikolu 873 tal-Kap 12 illi talba bħal din in eżami ssib suċċess jekk ir-rikorrenti juri li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnhu  u li *prima facie* għandu jedd li se jsoffri fil-konfront tiegħu ħsara irreparabbli jekk il-mandat ma jiġix milqugħ. Ukoll li dawn l-elementi huma kumulattivi u jinħtieġu li jiġu eżaminati biss minn lat oġġettiv.

Daqstant huwa meqjus li mandat ta' inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux formola normali ta' procediment legali.

Kif intqal il-mandat ta' inibizzjoni għandu t-tir li jipprovdi ħarsien tali li mingħajru il-jedd pretiż jista jintilef darba għal dejjem b'mod li jkun irreparabbli.

Huwa sapput ukoll li jekk mandat ta' inibizzjoni jintlaqa ma jfissirx li l-jedd pretiż ġie provat bħal ma għandux ukoll jiftiehem il-kontra. Dan joħroġ mill-fatt li l-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju huwa biss wieħed hekk imsejjaħ mad-daqqa t'għajn.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti tqis illi ir-rikorrenti jressqu żewġ istanzi biex isostnu t-talba tagħhom:

a) Li hemm ftehim bejniethom li kif ingħad għandhom jieħdu u jiġi trasferit lilhom in-negozzju tal-lukanda Ċerviola u t-tmexxija tas-soċjeta; u
b) Illi l-laqgħa msejħa ai termini tal-artikolu 129 et seq tal-Kap 386 mhux waħda li se ssir skont id-dettami tal-liġi.

Bla dubju ta' xejn l-intimati azzjonisti/diretturi darba li jsegwu dak li tgħid il-liġi (Kap 386) huma intitolati jsejjħu laqgħa straordinarja.

Jekk il-minoranza thossha kalpestata għandha toroq oħra x'tagħżel biex tiproteġ ruħha f'dan ir-rigward.

Pero l-Qorti hija tal-fehma illi r-rikorrenti *prima facie* għandhom ċertu jeddijiet naxxenti mill-ftehim li l-partijiet daħħlu għalih fl-24 t'April, 2017. ( Dok C folio 19). B'dan pero li tali ftehim darba li ma sarx formali ma jneħħi xejn mid-drittijiet tal-azzjonisti jew diretturi l-oħra.

Konsegwentament il-Qorti ma tarax kif tali ftehim jista joħloq jedd li joħnoq id-drittijiet emerġenti taħt il-Kap 386, ukoll għaliex kull jedd naxxenti mill-ftehim imsemmi jista wkoll jiġi kkawtelat u protett b'mod divers.

Għalhekk tiċħad it-talba.

**Onor. Miriam Hayman, LL.D.**
**Imhallef**